MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 31/2012

**Emmanuel Vella u Jeremy Gambin**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emmanuel Vella u Jeremy Gambin kontra d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-16 ta' Marzu 2012;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li d-decizjoni tal-Bord kellha tigi konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-Bord li tghid hekk:
Ikkunsidra:

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell indirizzat lil dan il-Bord biex ladarba li kien gie kkonstatat li kien hemm bini fit-triq fejn jinsab is-sit meritu tal-applikazzjoni li hu ghola minn dak permess mill-Pjan Lokali, jiddeciedi x'effett dan jista' jkollu fid-determinazzjoni tal-appell u allura tal-applikazzjoni. Dan il-Bord meta zamm access fis-7 ta' April, 2010. Minkejja li hemm bini li huwa oghola minn dak permess mill-Pjan Lokali dan il-Bord jaqbel ma' dak li kien qal il-Bord diversament kompost fid-decizjoni tieghu fuq imsemmija u cioe illi "ghalkemm fit-triq hemm xi binjiet ta' erba' sulari izda li dawn ma jiffurmawx predominanza". Ghalhekk fil-fehma ta' dan il-Bord il-fatt biss li hemm dawn il-binjiet ta' erba' sulari, ladarba huma ma jiffurmawx predominanza ma hemmx lok il-ghaliex dan il-Bord ghandu jinjora il-height limitations tal-Pjan Lokali.

Ghal dawn ir-ragunjiet dan il-Bord jichad l-appell tal-appellanti u jikkonferma ir-rifjut tal-permess ghall-izvilupp.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju huwa s-segwenti:
1. It-Tribunal injora d-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru 2008 fejn kellha tiehu in konsiderazzjoni l-kwistjoni tal-'commitment' mqajma mill-appellanti.

Il-Qorti tirrileva illi dak li ghandu jigi mistharreg f'dan l-appell hu jekk it-Tribunal ikkunsidrax il-kwistjoni tal-commitment mqajma mill-appellanti u kkunsidrax din il-kwistjoni fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 69(1) u (2) tal-Kap. 504 gia artikolu 33 tal-Kap. 356.

Din il-Qorti gia kellha okkazzjoni tirrimarka illi t-Tribunal bhall-Awtorita kellu japplika l-pjanijiet u l-policies u dan bla ebda eccezzjoni. Pero kellu jiehu qies ta' kwistjonijiet ohra ta' sustanza biex jasal ghad-decizjoni tieghu minghajr ma jissubordina dan ghall-obbligu principali li japplika rigorozament il-pjanijiet u policies. Ovvjament kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu u bl-istess mod meta l-pjan jew il-policy jaghtu lok ghal diskrezzjoni fl-applikabilita taghhom din id-diskrezzjoni trid tigi uzata b'mod gust mit-

Tribunal. Madankollu l-ilmenti tal-applikant iridu jigu indirizzati u milqugha jew michuda b'ragunament car.

Applikati dan kollu ghal kaz in kwistjoni, il-Bord fl-ewwel decizjoni tieghu tal-20 ta' Lulju 2007 wasal ghad-decizjoni tieghu fuq dak li ppermetta l-pjan lokali, u zied illi l-bini fil-vicinanzi li fuqhom ssottometta l-appellant bhala konsiderazzjonijiet ohra ta' sustanza konsistenti f'commitment ghas-sit, ma kienux predominanti.

Din l-ahhar konsiderazzjoni gie censurata mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-10 ta' Dicembru 2008 peress illi l-Bord ikkonsidra l-kwistjoni jekk il-binjiet l-ohra koperti b'permess fid-dawl ta' predominanza mentri naqas li jikkonsidraha mill-ottika sottomessa mill-appellant dwar 'commitment'. Il-Bord ma giex mitlub ibiddel id-decizjoni izda biss jekk mill-ottika ta' 'commitment', jekk fl-ewwel lok kienx jezisti u fit-tieni lok jekk tali commitment jekk kien jezisti setghax jinfluixxi fuq id-decizjoni mehuda mill-Bord a bazi ta' dak li jipprovdi l-pjan lokali. Tali konsiderazzjoni kienet tissodisfa lill-appellant li kien inghata smigh xieraq u raguni ghar-rifjut tas-sottomissjoni tieghu li fic-cirkostanzi seta' kellha jew ma kellhiex importanza ghall-ezitu finali. Dan kien kompitu tal-Bord li jiddeciedi izda mhux li jinjorah.

Sfortunatament il-Bord tal-Appelli fid-decizjoni prezenti sotto skrutinju fehem hazin dak li ndirizzatu ghalih il-Qorti tal-Appell u rega' ma tax spjegazzjoni jekk kienx hemm commitment jew jekk anki kieku kien hemm setghetx influiet fuq id-decizjoni a bazi tal-pjan jew policy applikabbli. Kull ma ghamel il-Bord prezenti hu li rrepeta dak li qal l-ewwel Bord minghajr ma elucida fuq il-kwistjoni li kellu jindirizza. Il-Qorti tifhem li dan sar bi fraintendiment ta' dak li riedet il-Qorti tal-Appell biex gustizzja tkun tidher li saret mal-applikant kemm jekk ir-rizultat jinbidel jew jibqa' l-istess.

Il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa l-appell tal-appellanti.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk tilqa’ l-appell tal-appellanti, thassar id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-16 ta’ Marzu 2012 u terga’ tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jitratta biss il-kwistjoni tal-commitment kif imqajma mill-appellanti fid-dawl u fl-isfond ta’ dak gia deciz mill-istess Bord tal-Appell. L-ispejjez huma a karigu tal-appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------